Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

**11900/26
ADD 1**

**DENLEG 78
FOOD 104
SAN 593**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Kummissjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 14 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | D115964/02 annex |
| Suġġett: | ANNESS tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D115964/02 annex.

---

Mehmuż: D115964/02 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
PLAN/2025/1804 ANNEX
(POOL/E2/2025/1804/1804-EN
ANNEX_REV1.docx) D115964/02
[…](2026) XXX

ANNEX

**ANNESS**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel**

## ANNESS

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fl-aħħar tat-Tabella 1 f'ordni numerika:

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "1086 | | | fibri tal-karbonju mqattgħin, mill-poliakrilonitril karbonizzat | iva | le | le | | | Għandhom jintużaw biss sa 40 % w/w għall-polimeru polietere etere keton (PEEK).<br>Il-fibri għandhom jiġu mmanifatturati mill-poliakrilonitril, għandu jkollhom kontenut minimu ta' karbonju ta' 95 % w/w, u għandhom jiġu f'daqsijiet mhux f'nanoskala fi kwalunkwe dimensjoni (dijametru >100 nm). | |
| 1087 | | | karbonat tal-kalċju nanopreċiptat, mhux miksi | iva | le | le | | | Ma għandux jintuża fil-manifattura ta' materjali u oġġetti maħsuba għall-kuntatt mal-formula tat-trabi ([7]) . | (32) |
| 1088 | | | poli(aċidu 2-idrossipropanojku), esteri tal-n-ottil/tal-n-dekil | iva | le | le | 0,05 | | Għandhom jintużaw biss bħala addittiv sa 15 % w/w f'materjali u oġġetti magħmula mill-aċidu polilattiku (PLA) li ma fihomx lamtu (Nru FCM 564) jew addittivi oħra b'funzjoni simili għal-lamtu li jistgħu jżidu l-migrazzjoni, u li huma maħsuba biex jiġu f'kuntatt f'temperatura sa 40 °C sa 10 ijiem mal-ilma inkluż fil-kategorija tal-ikel 01.01, jew mal-ikel inkluż fil-kategoriji 04.01 (frott, frisk jew imkessaħ), 04.04 (ħxejjex, frisk jew imkessaħ) u 08.01 (ħall), kif speċifikat fit-Tabella 2 tal-Anness III. | (33) |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1090 | | 646-24-2 u 148528-05-6 | taħlita ta' 1,9-nonandiammina ("NMDA") u 2-metil-1,8-ottandiammina ("MODA") | le | iva | le | 0,05 | | Għandha tintuża biss bħala komonomeru mal-aċidu tereftaliku, għall-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-poliammid.<br>Ma għandhiex tintuża fil-manifattura ta' materjali u oġġetti maħsuba għall-kuntatt mal-formula tat-trabi ([7]) u mal-ħalib tal-bniedem.<br>Il-migrazzjoni tal-frazzjoni b'piż molekulari taħt l-1000 Da li tikkonsisti fi speċijiet relatati mal-NMDA/MODA ma għandhiex taqbeż il-5 mg/kg ta' ikel. | " |

(b) fil-punt 3, it-tabella 3, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| | |
|---|---|
| "(32) | Hemm riskju li l-LMG jista' jinqabeż meta jiġi f'kuntatt ma' ikel aċiduż. |
| (33) | Hemm riskju li l-SML jista' jinqabeż meta jiġi f'kuntatt mal-użu ta' simulanti tal-ikel għajr is-simulant tal-ikel B." |